# San Filippu Neri

minn Lorenzo Zahra

Is-26 ta' Mejju huwa jum li jfakkarna f'San Filippu Neri, qaddis meqjum fost il-Maltin ta' l-imgħoddi l-aktar fil-Birgu, l-Isla u l-Belt. Fl-Isla hemm knisja ta' San Filippu għalkemm b'dedikazzjoni għall-Madonna. Dik tal-Birgu kienet tal-Madonna ta' l-Anġli, waqt li dik ta' l-Isla tal-PortuSalvo. Fil-waqt li dik ta' l-Isla issa hija f'idejn il-patrijiet Ġiżwiti bil-kunvent b'kollox, dik tal-Birgu l-lum tintuża bħala maħżen bl-armar tal-festa, waqt li l-kunvent anness magħha safa meqrud bi triq li għaddiet minn ġo fih. Fil-Belt Valletta dan il-qaddis kien imfakkar wkoll fil-Knisja tal-Vitorja b'festi li ta' kull sena kienu jiġbdu ħafna devoti.

B'xorti tajba, f'Malta, kellna lil Dun Ġorġ Preca li f'ħajtu u fil-ħidma tiegħu kien jixbah perfettament lil dan il-qaddis.

San Filippu Neri ta' tfajjel ċkejken kien jilgħab bil-knisja. Meta kiber kien jiġbor iż-żgħażagħ f'kamartu sabiex jitkellmu fuq Alla. Huwa għex meta l-Knisja kienet għaddejja minn żminijiet li xejn ma kienu sbieħ. Kien iħobb iżur is-Santwarju tat-Trinità tal-Benedittini. Meta kellu 18-il sena, minn Firenze mar Ruma, fejn kien twieled. F'Ruma flimkien ma' sħabu kien iħobb iżur il-katakombi tal-martri u kien huwa li beda l-pellegrinaġġi ta' żjarat lis-seba' bażiliċi ewlenin ta' Ruma (Sta Maria Maggiore, San Pietru, San Pawl, San Lawrenz, San Bastjan, Santa Croce u San Giovanni Laterano). Fil-bidu kien iżur ħwienet u jitkellem fuq Alla u fil-kamra tiegħu kien ilaqqa' grupp ta' ħbieb għall-istess għan. Kien il-konfessur tiegħu li ħajru għal saċerdot, iżda baqa' dejjem fl-istess ħidma. M'għandniex xi ngħidu meta kien saċerdot ukoll sab min ifixklu għal xi żmien mill-ħidma tiegħu.

Huwa kien ġabar miegħu saċerdoti li jgħixu flimkien fl-Oratorju, iżda billi kien persuna umli qatt ma ried li jkun fundatur. Kien iħobb ukoll iżewwaq it-tagħlim tiegħu b'xi ċajta. Bil-qdusija tiegħu kien konfessur anke tal-Papa, ta' kardinali u tant oħrajn. Billi n-numru ta' dixxipli miegħu kien żdied sewwa, il-Papa offrielu post akbar f'Santa Maria in Vallicella. Kien ħaseb ukoll biex imur fl-Indja, iżda għaraf permezz ta' viżjoni li s-sejħa tiegħu kienet għal Ruma stess. Ġewwa Firenze fejn twieled riduh appostolat f'San Giovanni, iżda minflok huwa bagħat ħames dixxipli tiegħu.



*L-istatwa ta' San Filippu Neri, protettur tal-Fratellanza ta' Lourdes, liema statwa l-lum tinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.*

Mod ħelu kif kien jgħallem neħduh meta darba waqt il-qrar student mistoqsi x'se jsir meta jikber wieġbu, "Avukat." "Imbagħad?" staqsih Filippu. L-istudent kompla, "Wara jkolli dar u niżżewweġ." Filippu mill-ġdid staqsih, "Imbagħad?" L-istudent wieġeb , "Nikber u mmut." Għal darb'oħra Filippu staqsih, "X'jiġri wara?" U hawn Filippu semmilu l-ħajja ta' dejjem bil-premju jew kastig.

Il-qaddis Filippu kien ħabib ta' San Franġisk Saverju u ta' San Kamillu. Bosta huma l-mirakli li wettaq f'ħajtu, iżda jissemma' dak ta' iben Fabrizio dei Massimi li seħħ fis-16 ta' Mejju 1583. Filippu kien qed iqaddes meta sema' li dan kien miet. Għalhekk kif spiċċa mill-quddies, mar jinvistah iżda kien kadavru. Filippu talab bil-ħerqa u dan Paolo stejqer u ħa l-ħajja. Quddiem ommu u missieru qagħad jitkellem

ma' Filippu. Fl-aħħar wara xi nofs siegħa Filippu staqsa lil Paolo riedx jibqa' ħaj jew imur lura fil-ħajja ta' dejjem. Hu pprefera li jerġa' jmur fil-ħajja ta' dejjem fejn kien diġà.

San Filippu waqqaf il-kongregazzjoni ta' l-Oratorjani, gruppi ta' qassisin li jgħixu fit-talb flimkien, li fortunatament anke f'Malta kellna qassisin fil-kongregazzjoni fil-Birgu u fl-Isla. Fil-Birgu, kwadru mill-isbaħ li juri lil San Filippu ma' San Ġwann il-Battista kien fil-knisja tiegħu, opra ta' Andrea Sacchi, pittur Ruman, iżda mill-gwerra 'l hawn ħadd ma jaf x'sar minnu minkejja li l-Knisja ma kinitx iġġarfet. Wara l-gwerra saret replica nill-Kav. R.Bonnici Calì. Kien hemm ukoll statwa u relikwija tar-ras tiegħu f'urna, kopja ta' dik li tinsab f'Ruma.

Kif daħlet id-devozzjoni lejn San Filippu Neri fil-Qrendi? Meta l-kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb waqqaf id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes u wara għamel fratellanza li twaqqfet fil-21 ta' Jannar 1878, dan il-kappillan ġieħ ħsieb li l-fratellanza jkollha protettur. Billi hu kien mill-Isla, hemm diġà kien hemm devozzjoni lejn San Filippu Neri. Għalhekk għamel protettur ta' din il-fratellanza lil dan il-qaddis li kien iħobb il-Madonna.

Dak iż-żmien li twaqqfet il-fratellanza kien ġie persuna mill-Qrendi emigrata lejn Franza li kienet tgħix f'Marsilja. Din il-persuna kienet Filippu Psaila mlaqqam 'Ta Bieża.' Dan il-kappillan talbu biex jagħmillu statwa ta' San Filippu Neri billi ppropona li jagħmlu protettur ta' din il-Fratellanza. Dan Filippu aċċetta li jagħmel l-istatwa bil-bradella b'kollox. Din l-istatwa nħadmet mill-istess statwarju Karlu Darmanin li kien il-persuna li ħadem l-istatwa ta' Lourdes. San Filippu Neri tlesta fl-1878. Dwar San Filippu Neri u l-Qrendi ngħidu wkoll li Ġużeppi Calleja, il-pittur li pitter is-saqaf tal-knisja, meta lesta x-xogħol tal-pittura, irregala lill-Kappillan Xuereb pittura f'inkwadru żgħir ta' San Filippu Neri. Il-Kappillan Xuereb ta dan il-inkwadru lill-Fratellanza ta' Lourdes. Dan l-inkwadru jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali. Fil-bidu li twaqqfet din il-Fratellanza ta' Lourdes. San Filippu Neri kien joħroġ proċessjonalment magħha. B'hekk daħlet id-devozzjoni lejn San Filippu Neri u ssib persuni li jġibu l-isem ta' dan l-istess qaddis. Il-lum l-istatwa ta' dan il-qaddis tinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.

Kemm huwa xieraq li fil-jum tal-festa tiegħu, is-26 ta' Mejju, jibqa' venerat almenu f'dawn l-ibliet u l-irħula msemmija.

(Ħajr lil Pinu Axiaq tat-tagħrif mogħti dwar il-Fratellanza ta' Lourdes fil-Qrendi).

NORMAN HAMILTON TRAVEL

*Cruises* kull ġimgħa fil-Mediterran fuq il-vapur lussuz ta' 35,143 tonnes:

MELODY

**Prezz:**
**4 Adulti f' kabina minn: Lm229**
**2 Adulti f' kabina minn: Lm329**




*Gruppi jitilqu kull nhar ta'Erbgħa f'dawn id-dati:*

**14 – 21 ta' Lulju**
**21 – 28 ta' Lulju**
**28 ta' Lulju – 4 ta' Awissu**
**4 – 11 ta' Awissu**
**11 – 18 ta' Awissu**
**18 – 25 ta' Awissu**
**25 ta' Awissu – 1 ta' Settembru**
**1 – 8 ta' Settembru**
**8 – 15 ta' Settembru**
**15 – 22 ta' Settembru**
**22 – 29 ta' Settembru**

*Inżuru: Tunis, Sidi Bou Said, Ibiza, St. Tropez, Montecarlo, Monaco, Nice, Genova, Rapallo, Portofino, Sta. Margherita Ligure, Napli u Capri.*

Tfal u żgħażagħ taħt it-18-il sena B'XEJN - akkompanjati minn żewġ jew tlett adulti.

Il-Prezz jinkludi: 8 t'ijiem / 7 t'iljieli akkomodazzjoni f'kabini kollha mgħammra b'banju/doċċia, toilet, air-conditioning, telefon, satellite t.v. fuq il-vapur "**MELODY**" • Full Board kulljum fuq il-vapur • Użu tal-faċilitajiet tal-vapur • Tour Leader t'esperjenza.

IL-BOOKING IRID ISIR SAL-31 TA' MEJJU. WARA L-PREZZ JOGĦLA.

Taxxi mhux inklużi fil-prezz.

HAMILTON TRAVEL CO. LTD

**4 St Publius Street Floriana**
**Tel: 21241292, 21249543, 21235878**
*Gozo Representative: Links Travel, Victoria Tel:21 56 01 80*

IATA ACCREDITED AGENT

LIC. TA/H05